# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 13**

**Rikors numru 645/09 JZM**

**Alex Ellul Sullivan**

**v.**

**Noel Vella u Malta Freeport Terminals Limited**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Ottubru 2012 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

"**I. Preliminari**

"Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-1 ta` Lulju 2009 li jaqra hekk –

"*1. Illi fl-24 ta` Mejju 2008 gewwa l-Malta Freeport Terminals compund, B`Bugia sehh incident li fih crane b`nru RTG 45 proprjeta` ta` Malta Freeport Terminals Limited u li kien qed jigi operat minn Noel*

*Vella habat mal-vettura tal-marka Renault numru EBM 539 proprjeta` tar-rikorrenti u kkaguna hsarat kbar f`din l-istess vettura ;*

"*2. Illi ghal dan l-incident jahtu solidalment l-intimati Noel Vella u Malta Freeport Terminals Limited billi dawn kienu qed joperaw dan il-crane b`mod traskurat u negligenti, kif ukoll minhabba l-fatt illi ma kien hemm l-ebda sinjali mal-art biex juru illi dan il-crane kien qed jopera u kellu jghaddi f`dak il-post fejn gara l-incident ;*

"*3. Illi b`rizultat ta` dan l-istess incident, ir-rikorrenti sofra danni konsiderevoli, u dana minhabba l-hsarat konsiderevoli li garrbet il-vettura Renault numru EBM 539 liema danni b`kollox jammontaw ghal €20,595.00 jew somma ohra verjuri u dana billi l-vettura giet ikkonsidrata bhala "beyond economic repair" u dana kollu kif sejjer jigi ampjament provat waqt is-smigh tal-kawza ;*

"*4. Illi l-intimati ghalkemm interpellat sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqghu inadempjenti ;*

"*5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment lill-esponenti nomine ;*

"*6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

"*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni :*

"*1. Tiddikjara l-konvenuti, jew min minnhom, solidalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni u d-danni relattivi minhaba traskuragni u negligenza kif premess ;*

"*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti fl-ammont ta` ghoxrin elf, hames mija u hamsa u disghin Euro (€20595.00) jew somma ohra verjuri okkorrendo permezz ta` periti nominandi ; u*

"*3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom in solidum sabiex ihallu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta` danni flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta` ittra ufficjali tas-17 ta` Lulju 2008.*

"*Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta` ittra ufficjali datata 17 ta` Lulju 2008, kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

"Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-6 ta` Awissu 2009 li taqra hekk –

"*(i) Illi fl-24 ta` Mejju 2008 sehh incident f`Terminal One, North Quay, Bay 14 fil-Malta Freeport Terminals fil-Port ta` Kalafrana, limiti*

*ta` Birzebbuga, liema incident sehh bejn il-gantry crane internament numerat RTG 45, proprjeta` tas-socjeta` intimata, u mhaddma mill-intimat Vella u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBM 539 proprjeta` tar-rikorrent ;*

"*(ii) Illi l-incident sehh wara illi r-rikorrent ipparkja l-vettura tieghu fuq il-moll in kwistjoni, preciz f`nofs il-karreggjata maghrufa bhala RTG Lane, u li tidher carament demarkata u delinejata fir-ritratti annessi u mmarkati bhala Dok. MFT1 sa MFT6 – liema karreggjata tintuza sabiex il-gantry cranes jitmexxew f`direzzjoni jew ohra sabiex jinhattu u / jew jitghabbew il-containers. Wara illi halla l-vettura tieghu f`dan il-post, jirrizulta illi r-rikorrent tela` abbord il-vapur MV Indamex Colorado illi kien qieghed trakkat fil-port f`dak il-hin ;*

"*(iii) Illi jigi rrilevat illi dawn il-gantry cranes (fosthom dik numerata RTG 45) jithaddmu minn operatur (f`dan il-kaz l-intimat Vella) illi jkun f`kabina fl-gholi fil-parti ta` fuq nett tal-crane – u cioe` f`gholi ta` kwazi sitt jew seba` sulari, minn fejn avolja jkollu a bird`s eye view ta` dak kollu li hemm madwaru, ovvjament l-uniku post illi ma jidhirx huwa dak illi hemm precizament taht is-saqajn tal-crane, fejn sewwasew halla l-vettura tieghu r-rikorrent b`sogru liema bhalu, izjed u izjed meta jigi kkunsidrat illi r-rikorrent huwa ship chandler li huwa midhla sew mal-post in kwistjoni u ma` l-operat ta` l-ingenji u l-makkinarju fuq il-moll tal-Freeport ;*

"*(iv) Illi jigi ddikjarat ghal kull buon fini illi l-intimat Noel Vella kien u ghadu mpjegat tas-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited u fil-hin ta` l-incident kien qieghed jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xoghol kif suppost ;*

"*U ghaldaqstant l-intimati umilment jeccepixxu :*

"*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b`xi tort ta` l-intimati, izda unikament tort tar-rikorrent stess illi halla l-vettura teighu f`post fejn huwa pprojbit illi tipparkja u ezattament fuq il-moll f`Terminal One, North Quay, Bay 14 f`karreggjata (ossija "RTG Lane" carament delinejata u demarkata fejn kienet qed tithaddem "gantry crane" enormi, u f`post fejn kien kompletament mohbi mill-operatur ta` l-istess "gantry crane", ossija l-intimat Noel Vella li kien qed ihaddem il-crane in kwistjoni fl-gholi – u dana b`sogru, traskuragni, u negligenza lampanti da parti ta` l-istess rikorrent, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

"*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tar-responsabbilta`, il-kwantum tad-danni reklamat mir-rikorrent huwa wkoll ikkontestat, u r-rikorrent ghandu jressaq kull prova necessarja skond il-ligi sabiex jipprova dak minnu pretiz;*

"*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

"Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010 (fol 39 sa fol 49) u fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2011 (fol 68 sa fol 73), u rat id-dokumenti li l-attur ressaq fl-ewwel (fol 32 sa fol 37) u fit-tieni udjenza fuq riferiti (fol 74 sa fol 79).

"Rat in-nota ta` Auto Sales Ltd (fol 53).

"Rat il-verbal tal-access li sar fuq il-post fil-25 ta` Mejju 2010 (fol 59 sa fol 60).

"Rat in-nota (u l-affidavit) tal-attur (fol 80 u fol 81).

"Semghet ix-xiehda ta` Eman Schembri (fol 86 sa fol 100) u ta` Francis Mifsud (fol 101 sa fol 111).

"Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tat-23 ta` Jannar 2012 (fol 120 sa fol 146) u rat id-dokument li kien prezentat waqt l-istess udjenza (fol 147 sa fol 160).

"Semghet ix-xiehda ta` Paul Ellul (fol 171 sa fol 173) u tal-attur (fol 174 sa fol 185) fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2012, f`liema udjenza inghalaq il-gbir tal-provi.

"Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012.

"Rat id-digriet taghha moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

"**Ikkunsidrat :**

"**II. <u>Responsabilita`</u>**

"**1) <u>Provi</u>**

"Mar-rikors guramentat kien esebit rapport tal-incident imhejji mis-*Senior Security Manager* tal-Malta Freeport u datat 24 ta` Mejju 2008 (fol 4 u fol 5) jinghad hekk *inter alia* –

> "*… According to Vella … when he was moving down at Bay 14 the RTG stopped and informed the operations concerned. Further stated that from the trolley side he can`t see the other side and when he went down noted that the RTG collided with a vehicle type Renault Magane Reg No 539 which was left parked to the RTG outside painted line.*
>
> "*In the meantime the vehicle`s owner Alexander Sullivan … stated that he parked his vehicle … and went on board to pick up his orders as a ship chandler. Same complained that he parked near the RTG line because there is no other visible lines marked on the ground …*

"Mal-istess rapport, kien esebit skizz (fol 6) li sar min-nies tal-Malta Freeport.

"Mar-risposta guramentata kienu esebiti sitt ritratti (fol 16 sa fol 21) li ttiehdu ezatt wara l-incident bil-vettura u l-crane ghadhom fil-post fejn spiccaw wara l-habta ; l-istess ritratti kienu esebiti mill-attur ukoll (fol 32 sa fol 37).

"**L-attur** xehed illi fl-24 ta` Mejju 2008 huwa kellu xoghol ta` *ship-chandling* abbord il-bastiment *M.V. Indamex Colorado* li kien sorgut il-Freeport.  Ipparkja l-vettura tieghu Renault Meganbe Nru. EBM 539 fuq il-moll bil-quddiem taghha ihares lejn Birzebbugia.

"Ighid – *ghandek inti u niezel il-karreggjata tal-moll … fuq ix-xellug ghandek hajt qisu containers on the right ghandek crane li huwa jimxi fuq it-tracks mal-art.* Il-moll jiehu traffiku f`direzzjoni wahda.  Hemm tliet karreggjati bi spazju ghal tliet vetturi ma` genb xulxin.

"Ighid : *fin-nuqqas ta` linji mpinguti mal-art li ghamilt peress li kien kmieni filghodu kienet daqsxejn kwieta, kemm jista` jkun ipparkjajt mal-genb tal-karreggjata li kienet fuq ix-xellug.* Ipparkja man-naha tal-containers.  Ma` dik in-naha jaf li jghaddi crane li jimxi bir-roti.  Pero` fil-hin li pparkjat ma deher l-ebda crane.

"Ighid – *qghadt niccekkja along the road straight across jekk kienx hemm xi crane ghal li jista` jkun ghaliex jien kelli ghazla jew inhalli l-karozza sewwa fin-nofs tal-wesgha tal-karreggjata jew inkella taghmilha mal-genb*.

"Ix-xhud ighid illi ghazel li jipparkja kemm jista` jkun mal-genb flok ihalli l-vettura pparkjata f`nofs il-karreggjata bir-riskju li tisfa` milquta mit-trakkijiet tal-burdnara ghaddejjin bit-taghbija tal-containers.

"Ikkonferma li fejn ipparkja ma kien hemm l-ebda linji li juru li l-parkegg ta` vetturi kien projbit.  Dan apparti, fejn kienet ipparkjata, il-vettura kienet tidher ghal kulhadd.  Sa halla mixghula l-*hazard lights*.

"Mir-rapport tal-Freeport, jirrizulta (b`riferenza ghall-posizzjoni tal-*bays*) illi li l-crane ossia l-*gantry* lahaq mexa tul ta` almenu 200 sa 300 metru sakemm laqat il-vettura tieghu.

"Il-vettura tieghu sfat milquta meta kien abbord.  Bid-daqqa li qalghet, il-vettura daret *anti-clockwise.*

"L-attur esebixxa ritratt Dok LB1 bhala prova illi fejn gara l-incident ma kienx hemm linji sofor.  Ipprezenta ritratt iehor Dok LB2 li ttiehed ftit qabel l-access li juri l-linja s-safra.

"Fil-**kontroezami**, l-attur spjega dwar dawn ir-ritratti tal-ahhar illi *poggejna l-istess posizzjoni dik il-karozza li hija identika ghall-karozza*

*li kellha l-accidenbt ghax xtrajt ohra bhalha … u poggejtha l-istess posizzjoni biex niehu ritratt relattivament tal-karozza ma` l-art …*

"Fil-verbal tal-**access** kondott mill-Qorti jinghad hekk –

> "*Il-partijiet indikaw lill-Qorti l-post fejn gara l-incident.*
>
> "*Mhux kontestat li l-vettura tal-attur kienet ipparkjata f`zona kostitwita minn moll wiesgha u twil li jippermetti t-transitu ta` vetturi ta' kull xorta (purche` jkollhom appositu permess) u fejn f'`xi hin jew iehor isir caqlieq ta' containers. Lanqas ma hu kontestat li l-vettura kienet ipparkjata max-xellug bil-faccata thares lejn Birzebbugia u allura bil-wara taghha lejn Kalafrana.*
>
> "*Fuq ix-xellug nett tal-moll, jingemghu wiehed fuq l-iehor, il-containers.*
>
> "*Minn ma` genb dawn il-containers, ighaddi crane maghruf bhala RTG b`mod fiss u vertikali, u cioe` fit-tul mhux fil-wisgha, li ghandu l-funzjoni li jisposta container minn post ghal iehor.*
>
> "*L-RTG huwa apparat goff, kbir fid-daqs u gholi fejn l-operatur ikun ukoll f`gabina fl-gholi. Pero` t-transitu tieghu huwa dejjem fil-vertikali.*
>
> "*L-RTG involut fl-incident ma setax ikun rintraccjat.*
>
> "*Ghad irid jigi pruvat jekk l-RTG involut fl-incident kellux inkella le xi mirja jew inkella xi senjalazzjoni li tindika l-presenza ta' vetturi fil-prossimita` tat-tragitt tieghu.*
>
> "*Dak li rat il-Qorti waqt l-access, ghall-fini ta' dimostrazzjoni, kellu l-mirja intizi sabiex ighinu l-lookout tal-operator.*
>
> "*Max-xellug tal-moll, 'il barra mill-containers migmugha fuq xulxin, u allura orizzontalment, lejn it-tarf tal-moll u cioe` lejn il-bahar, il-Qorti osservat il-post mnejn ighaddi l-RTG.*
>
> "*`Il barra, u cioe` lejn it-tarf tal-moll, kienu osservati mpingija fuq il-moll xi linji vertikali senjalati minn zewg kuluri partikolari u cioe` l-abjad u l-isfar.*
>
> "*Il-Qorti osservat linja bajda fit-tul fejn 'il gewwa minnha jsir l-istacking tal-containers, linja ohra bajda 'l barra minnha, linja ohra din id-darba safra fejn ighaddi l-RTG, aktar 'il barra linja ohra bajda u fuq barra nett linja ohra safra. `L hemm minn dik il-linja safra jghaddi t-transitu tal-vetturi fil-Freeport.*
>
> "*Il-Qorti trid li rapprezentanti tal-kumpannija konvenuta jghidu bil-gurament x'jfissru jew x'funjzoni ghandhom dawn il-linji kuluriti abjad u isfar.*
>
> "*Bl-istess mod, l-attur ghandu jispjega bil-gurament tieghu fejn kienet ipparkjata l-vettura tieghu fil-konfront ta' dawn il-linji.*

"**Eman Schembri**, *Deputy Senior Security Manager* tal-Malta Freeport, ikkonferma r-rapport tal-incident li hejja hu a fol 4 sa 6 tal-process. B`riferenza ghall-iskizz a fol 6 huwa xehed illi l-RTG ghandu l-lane mnejn ighaddi ; il-lane huwa indikat fl-iskizz. Il-lane huwa mmarkat b`linji dojoq mizbugha bl-isfar. Il-lane ta` hdejh huwa *clearance lane* u jrid jinzamm liberu minn vetturi ta` kull xorta. Skond ir-regolamenti tal-Freeport, fil-post tal-incident, ma jistax isir parkegg ta` vetturi hlief bejn il-*yellow line* 2 u l-*yellow line* 3 riferibbilment ghall-iskizz. F`dik il-posizzjoni il-vettura ma tkunx *in the way.* Ir-regolamenti tal-Freeport huma ben noti ghall-operaturi li jiffrekwentaw il-post fosthom l-attur. Dawn juru fejn jista` jsir il-parkegg. Billi fil-hin li gara l-incident kien hemm *change of shift* nies tas-*security* fuq il-post ma kienx hemm.

"Fil-**kontroezami**, Schembri xehed illi kull min jidhol ghax-xoghol il-Freeport jinghata kopja tar-regolamenti li mhumiex ktieb fir-realta` izda serje ta` *sheets*. Ikkonferma li fejn sfat milquta l-vettura tal-attur ma kienx hemm mitkub *no parking.* Lanqas il-kliem *keep clear* ma hemm. Pero` li trid izzomm *clear* johrog mis-sinjali mpingija fuq il-moll.

"**Francis Mifsud**, *engineering foreman* fil-Malta Freeport, xehed illi l-RTG involut fl-incident kien jahdem tajjeb. Jimxi fid-dritt. Kellu *warning system* kostitwit minn qniepen man-naha ta` isfel hdejn it-tyres b`mod illi kif ikun miexi l-qniepen idoqqu awtomatikament. Ghal matul il-lejl ghandu wkoll *warning lights.*

"Il-Qorti stqasiet hekk lix-xhud –

> "*Meta tkun fil-kabina, xi vettura li qieghda fil-passagg fejn mhux suppost tkun ghax hija fil-linja li fiha jkun ghaddej dan l-RTG jidher ghall-operator minn fuq ?*

"Ix-xhud wiegeb hekk –

> "*L-operator meta qieghed isuq il-crane il-kabina tieghu tkun qeghda ahna nghidulha parking position, tkun ipparkjata f`postha. Hu jara l-lane ta` tahtu, jara l-posizzjoni ta` tahtu. Is-side l-iehor ma jkunx jista` jarah ghax ikun hemm il-containers ovvjament jostakolaw.*

"Kompla : *fejn ikun bilqeghda l-operator, faccata, il-gnub u that huma kollha tal-hgieg biex ikollu vizibilita` tajba.*

"Kien mistoqsi –

> "*lateral vision kemm jista` jiftah `l hemm u `l hawn, kemm hi ristretta jew kemm hi wiesgha dik il-vizwali li ghandu ?*

"Wiegeb –

"*Dik jista` jara hafna fit-tul, mhux problema.*

"L-uniku *obstruction* huma l-containers skond kemm ikunu gholjin jew ikunu baxxi. Il-genb l-iehor ma jkollux access ghalih ghax hemm il-containers fin-nofs u ma jista` jara bl-ebda mod. Ghalhekk fejn kien hemm il-vettura kienet il-*blind side* tieghu. Ikkonferma li r-ritratti esebiti mir-risposta guramentata juru kif spiccat il-vettura wara l-incident.

"Fil-**kontroezami**, Mifsud xehed illi l-RTG in kwistjoni ma kellux camera istallata bhal ma hemm istallati fl-ingenji l-godda.. Il-camera hija ntiza biex l-operator ikun jista` jara via l-monitor il-*blind positions*.

"Il-konvenut **Noel Vella** xehed illi huwa kien qieghed isuq l-RTG li kien involut fl-incident. Il-gabina kienet gholi ta` tliet sulari. Minn dik il-posizzjoni, seta` jara biss tahtu. Il-gabina hija mdawra bil-hgieg. L-RTG ighaddi minn bejn linji mpingija fuq il-moll li huma rizervati ghalih. Dan ghaliex huwa tat-tip li jimxi fuq ir-roti mhux fuq ir-rails. Hu ried imur minn blokka ghal ohra. Ghalhekk kien sejjer f`posizzjoni dritta. Tahtu kien hemm it-trakkijiet qeghdin jistennew biex jitghabbew. Hu kien ser itella` container. Pero` inghata struzzjonijiet biex jaghmel operazzjoni differenti band`ohra. Hu u miexi l-RTG kellu l-qniepen (mhux sirena) u l-beacon lights. Qal hekk b`riferenza ghall-qniepen – *Alla hares ma jkollokx lilha ghax kieku lanqas tinduna biss li miexi. Tinsiex li dan kollox bid-dawl …*Hu kien ghaddej minn bejn il-linji s-sofor li jiehdu l-wisgha tal-RTG. Minn fuq u cioe` mill-gabina huwa jara tajjeb il-linji s-sofor u allura fejn suppost jimxi. Huwa kellu jimxi minn bay 62 ghal bay 15. Kull bay ikollha 36 container go fiha. Hu u miexi ra l-containers stakkjati fil-gholi. Ma setax jara x`kien hemm fl-art in-naha l-ohra. Hin minnhom hass il-habta, l-RTG tbandal u waqaf. Il-karozza ma rahiex minn hemm fuq. Meta niezel mill-crane, raha mahbuta taht l-RTG ; spiccat fuq ir-rota. Ghalkemm ma rahiex qabel l-incident, il-vettura bilfors kienet qeghda tokkupa parti mil-linji rizervati ghall-RTG ghaliex altrimenti ma kienx jolqotha. Ir-ritratti esebiti minn fol 16 `il quddiem juru l-istat ta` fatt wara l-incident.

"Fil-**kontroezami**, il-konvenut ikkonferma illi kien miexi fid-dritt bla ma nduna bil-presenza tal-vettura tal-attur. Fit-tul quddiemu ma setax jara ghaliex quddiemu u tahtu kien hemm ix-xoghol. Minn fejn kien qieghed hu ma setax jara l-vettura pparkjata. Dak l-RTG ma kellux camera. Li kieku kellu kien jara l-vettura pparkjata fi trieqtu. Minghajr il-camera ma setax jaraha.

"**2) Risultanzi**

"Mhux kontestat illi meta sfat milquta mill-RTG misjuq mill-konvenut Noel Vella, il-vettura tal-attur kienet ipparkjata, bl-attur fuq xoghol abbord bastiment li kien ittrakkat mal-moll tal-Freeport.

"Billi sfat milquta vettura ipparkjata, japplika l-principju "*res ipsa loquitur*". Applikat dan il-principju ghall-kaz tal-lum, ifisser li huwa l-oneru tal-konvenuti li jippruvaw illi ma kellhom l-ebda htija ghall-incident li fih sfat milquta l-vettura tal-attur [ara – **"Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia"** (Prim`Awla - 16 ta' Jannar 2001) ; **"Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri"** (Prim`Awla - 2 ta' Ottubru 2001 ; **"Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri"** (Prim`Awla - 7 ta' Dicembru 2000), **"John Formosa noe vs Joseph Zammit" –** (Prim`Awla **-** 30 ta' April 1993), **"Charles Tonna vs Joseph Cassar"** (Appell Civili **-** 14 ta' Mejju 1971) u **"Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo" (**Appell Civili **-** 5 ta' April 1971).

"Din il-Qorti sejra tqis il-principju ta` *res ipsa loquitur* skond il-posizzjoni processwali ta` kull wiehed mit-tliet kontendenti.

"*Il-posizzjoni tal-attur –*

"Isostni li pparkja mal-genb mhux f`nofs il-moll sabiex ma jhallix il-vettura f`qaghda fejn setghet tintlaqat mill-ingenji. Isostni li pparkja fejn ma kienx projbit li jaghmel hekk. Fid-difiza taghha, il-kumpannija konvenuta ghamlet enfasi fuq il-fatt li fuq il-post kien hemm linji traccjati li juru fejn kellu jsir parkegg, minn fejn kellhom ighaddu l-RTGs u mnejn kellu ighaddi t-traffiku in generali. Tghid li kollox kien spjega f`regolamenti li mhux biss kienu a konoxxenza tal-utenti kollha tal-Freeport izda li kopja taghhom kienu jinghataw lil kull min kien jinghata permess jidhol fiz-zona tal-Freeport. Minkejja din l-enfasi kollha da parti taghha, fl-ebda waqt tal-kawza, ma l-kumpannija konvenuta dehrilha li kellha tipprezenta kopja ta` dawn ir-regolamenti. Min-naha tieghu, l-attur jikkontesta li kien hemm linji fuq il-post li juru fejn kellu u fejn ma kellux isir parkegg.

"Din il-Qorti tistqarr illi ssibha difficli taccetta li fuq il-moll fejn gara l-incident ma kienx hemm linji traccjati. Dan jinghad ghaliex il-linji jidhru fir-ritratti esebiti. Daqstant iehor issibha difficli taccetta li qabel l-attur ipparkja ma kienx jaf li fil-Freeport il-parkegg u t-transitu tal-vetturi u tal-ingenji kien regolat b`mod intiz sabiex ir-riskju ta` incident jigi skansat kemm jista` jkun. Din il-Qorti hija propensa taccetta bhala fatt illi l-attur ipparkja fejn ipparkja ghaliex billi kien ghadu kmieni fil-gurnata meta tela` abbord, qies li kien ikun ghaqli aktar ghalih li jipparkja fil-genb, milli fin-nofs.

"Ma kienx pruvat mill-konvenuti jew min minnhom in linea mal-principju ta` *res ipsa loquitur* li l-attur kien jaf qabel ipparkja illi kien qed jipparkja f`post rizervat ghall-RTGs. Din il-Qorti tasal biex tghid illi anke li kieku kien jaf l-attur li kien qieghed jipparkja f`post ipprojbit, dak il-fatt ma kien ighati dritt lil hadd li bl-esercizzju tad-diligenza ta` *bonus paterfamilias* jahbat mal-vettura tieghu. Del resto huwa oggettivament ippruvat ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti illi fil-post fejn

kienet il-vettura tal-attur la kienet mistura u lanqas imqeghda b`mod li tirrendi incident inevitabbli.

"Fil-kaz tal-attur, il-konkluzjoni ta` din il-Qorti hi li anke jekk l-attur ipparkja fejn ma kellux jipparkja, dak il-fatt *ut sic* ma kienx jirrendi lill-attur fic-cirkostanzi tal-kaz unikament jew parzjalment responsabbli ghall-incident.

"*Il-posizzjoni tal-konvenut Noel Vella* –

"Dan il-konvenut, korraborat minn xhieda teknici, kien konvincenti fir-resokont tal-fatti. Ma ccaqlaqx virgola mit-tesi ewlenija tieghu illi fid-direzzjoni fejn kien sejjer, bl-gholi fejn kien qieghed fl-RTG, bil-mezzi teknici li kien jippresta ruhu ghalihom l-RTG, u bil-madwar tieghu kollu containers huwa ma setax jara l-vettura tal-attur ipparkjata. Difficli tasal ghal dan il-konvinciment meta qara tax-xiehda. Tasal ghalih pero` jekk tmur fuq il-post kif ghamlet il-Qorti. Ghaliex huwa minnu li l-RTG kien miexi dritt u ghat-tul, fl-istess waqt l-operatur kellu *blind spots* fosthom il-presenza ta` oggett wieqaf fil-via tieghu li mnejn kien fil-gabina ma kienx jippermetti li jara minghajr l-awzilju ta` apparat apposta. Ir-ritratti esebiti jaghtu indikazzjoni tad-dinamika tal-incident. Mela ghal din il-Qorti dan ma kienx kaz ta` nuqqas ta` proper lookout ghaliex fil-kaz tal-lum il-vettura ma kenitx *in plain view* tal-operatur ossia tal-konvenut Vella. Din il-qorti ghalhekk qeghda tesonerah minn kull htija ghall-incident.

"*Il-posizzjoni tal-kumpannija konvenuta* –

"Din il-qorti ma tistax tghid daqstant fil-kaz tal-kumpannija konvenuta. Mill-mument li persuna tidhol il-Freeport, kellha tassikura ruhha li taf ir-regoli. Din il-qorti mhijiex konvinta li hekk kien il-kaz. Issemmew regolamenti li suppost kienu a kononxxenza ta` l-utenti tal-Freeport izda prova taghhom ma ngabitx. Accettat li li kien hemm *traffic routes* dak wahdu ma kienx bizzejjed. Kellha tassikura li b`mizuri ta` sorveljanza adegwati u effettivi tara li mizuri ta` prevenzjoni u skansar ta` incidenti kienu *in place*. Mhijiex skuza li l-incident gara meta kien hemm *change of shift* u allura sorveljanza xejn. Li kieku tassew l-attur ipparkja hazing, u l-mizuri ta` sorveljanza kienu *in place,* xi hadd kien jaghti avviz lill-konvenut Vella u lill-attur. Fuq kollox pero` jigi rilevat illi l-RTG in kwistjoni kien riskju fih innifsu. Mhux bizzejjed li kellu istallati fih mizuri biex jissenjalu l-prossimita` tieghu ghaliex min bhall-attur kien abbord ma kienx sejjer jisma` l-qniepen idoqqu f`ambjent storbjuz bhal ma hu l-Freeport. Dak li kien vitali huwa li l-RTG kellu jkun munit b`apparat ghall-beneficcju tal-operatur biex ighinu jezercita ahjar il-*proper lookout*. Sprovvist kif kien l-RTG minn camera li turi sewwa, l-konvenut Vella kien prekluz milli jara. Fil-fatt Vella ma setax jara xejn b`riferenza ghall-vettura u dan huwa hazin mhux b`nuqqas ta` Vella izda unikament b`nuqqas tal-ghodda li tatu l-Freeport. Ghalhekk din il-qorti issib il-prova tan-ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event

dannuz fin-nuqqasijiet tal-Freeport li unikament wasslu ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu.

"**Ikkunsidrat :**

"**III. Danni**

"**1) Provi**

"L-attur xtara gdida l-vettura li kienet involuta fl-incident. Akkwistaha fil-25 ta` Mejju 2007 u cioe` sena qabel l-incident ghall-prezz ta` €19,800 u cioe` Lm8500 (ara fol 54). Biex hareg il-vettura fit-triq inkorra spiza ta` €250 u cioe` Lm107 (ara dettalji a fol 81). Kellu spiza ta` rmonk fl-ammont ta` €81 u cioe` Lm35. Konsegwenza tal-hsara li garrbet fl-incident, kienet dikjarata *beyond economical repair* mis-surveyor inkarikat mill-kumpannija konvenuta. Wara l-incident, l-attur biegh ir-wreck ghall-valur ta` €2330 u cioe` Lm1000 (ara fol 72). Id-danni pretizi mill-attur jammontaw ghal €17,801.

"Skond ir-rapport tas-surveyor tal-kumpannija konvenuta (ara fol 147 et seq), il-*preaccident value* tal-vettura kien ta` €17,819 u cioe` Lm7650 – figura li din il-Qorti tqis reali u skond is-suq. Ir-*wreck value* tal-vettura kien ta` €1,200 u cioe` Lm515.

"**2) Likwidazzjoni**

"Kollox meqjus din il-Qorti hija tal-fehma li d-danni attrici ghandhom jigu likwidati kif gej – in kwantu ghall-*preaccident value* tal-vettura, dan ghandu jigi likwidat fl-ammont ta` €17,819, l-attur ma ghandu jinghata l-ebda rimbors tal-licenzji fl-ammont minnu pretiz ta` €250 ladarba ghamel uzu tal-vettura ghal tal-inqas sena qabel l-incident, il-valur tar-*wreck* qed jigi stabbilit fl-ammont ta` €1400 fl-assenza ta` dokumenti gustifikattivi waqt li qeghda tkun accettata l-ispiza ta` €81 ghall-rmonk billi ma hemmx dubju li biex telqet mill-post tal-incident il-vettura kellha tingarr. Il-kontegg tad-danni ghalhekk huwa : €17,819 + €81 - €1400 = **€16,500**.

"**3) Imghax**

"L-attur talab il-hlas ta` danni fl-ammont ta` €20,595. Din il-Qorti illikwidat danni f`ammont inferjuri. Biex taghmel hekk, kellha taghmel process ta` likwidazzjoni. Fic-cirkostanzi ghalhekk ighodd il-principju *in liquidandis non fit mora* bil-konsegwenza li l-imghax ghandu jghaddi b`effett mil-lum.

"**Decide**

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

> “**Tilqa` l-linja difensjonali ta` l-konvenut Noel Vella. Ghalhekk qeghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**
>
> “**Tichad il-linja difensjonali tal-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited (C27581).**
>
> “**Tilqa` l-ewwel talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited (C27581).**
>
> “**Tipprovdi dwar it-tieni talba billi tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta` sittax-il elf u hames mitt Ewro (€16,500).**
>
> “**Tilqa` t-tielet talba limitatament fil-konfront tal-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited (C27581) billi tikkundannaha sabiex thallas lill-attur is-somma ta` sittax-il elf u hames mitt Ewro (€16,500) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**
>
> “**Tikkundanna lill-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited (C27581) sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta` Lulju 2008**”.

Minn din is-sentenza appellat is-socjetá konvenuta li talbet ic-cahda tat-talbiet attrici fil-waqt li l-attur talab il-konferma tas-sentenza. Kwindi l-parti tas-sentenza li lliberat lill-konvenut Vella mill-osservanza tal-gudizzju ghaddiet in gudikat.

**AGGRAVJI**

**L-ewwel aggravju** huwa li l-appellat kien jaf tajjeb xi jfissru s-sinjali taz-zebgha fuq il-moll u li huwa xorta wahda ghazel li jipparkja fil-post in kwistjoni. Fi kliem iehor l-appellanti, minghajr ma tghid espressament, qed tinvoka l-principju ta’ *volenti non fit iniuria* ghaliex skont hi, l-appellat ma kienx messu pparkja fil-post in kwistjoni peress li kien jaf li l-post kien espost ghall-makkinarju tqil uzat fil-lok in kwistjoni.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et v. Carmelo Pace** moghtija fil-5 ta' Marzu 1986 (Qorti tal-Appell, Vol. LXX.ii.143): fejn intqal hekk:

> "*B'riferenza ghall-imsemmi principju 'volenti non fit iniuria', **Charlesworth, 'Law of Negligence', pagna 498**, josserva: 'A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run'; Huwa evidenti li fil-kaz prezenti zgur ma jistax jinghad li kien hemm xi ftehim espress bejn Margaret Vassallo u l-konvenut li hija tiehu r-riskju fuq imsemmi*. (Dan kien kaz tragiku fejn Vassallo kienet passiggiera mal-konvenut fil-karrozza tieghu weqfin hdejn xatt-il bahar u l-karrozza mxiet ghal gol-bahar.) *Lanqas, fil-fehma tal-Qorti, ma kien hemm xi ftehim tacitu biex tassumi l-imsemmi riskju. Biex ikun hemm dan il-ftehim tacitu jehtieg li jigi ppruvat li Margaret Vassallo kellha xjenza pjena tan-natura u estensjoni tar-riskju li kienet qieghda tassumi u li jigi ppruvat ukoll li meta assumiet ir-riskju, hija ghamlet dan bil-ftehim li r-riskju jaqa' fuqha u mhux fuq haddiehor, u dan ghaliex il-massima hija 'volenti non fit iniuria' u mhux 'scientia non fit iniuria'. Kif ighid ic **Charlesworth, op. cit. Pagna 498**: '…the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is volenti non fit iniuria and not scienti non fit iniuria. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*". **(bran mehud mis-sentenza fl-ismijiet Caruana v. Camileri , Prim'Awla, 3 ta' Frar 2001).**

Il-Qorti wara li ezaminat l-atti, waslet ghall-konkluzjoni li l-appellat, ghalkemm ma dahal f'ebda ftehim espress kif imsemmi, issogra bil-kbir meta pparkja l-vettura tieghu fil-lok imsemmi anke jekk ma jistax jigi ritenut li kien hemm ftehim tacitu li huwa jassumi r-riskju tal-hsara. Il-

Qorti taqbel ma' dak li qalet l-appellanti fir-rikors tal-appell taghha li l-appellat xehed b'mod ekwivoku dwar is-sinjali tal-parkegg – l-ewwel qal li dawn ma kienux jezistu dak iz-zmien u wara biddel il-verzjoni (fl-istess nifs) meta qal li dawn kienu 'faded'. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex dubbju li s-sinjali kienu jezistu u hu pparkja l-vettura fejn kien konvenjenti ghalih minghajr ma qaghad jinkwieta li din kienet f'lok fejn kienet soggetta ghal incident bhal dak li sehh. Irrizulta wkoll li l-appellat kien ilu jidhol fil-lok in kwistjoni ghal diversi snin fil-kors tax-xoghol tieghu u kellu jkun jaf bil-perikli li kien hemm.

Fl-istess hin il-Qorti taqbel ukoll ma' dak li ssottometta l-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell, meta qal li l-appellanti fir-rikors taghha naqset li tindirizza dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha fir-rigward tan-nuqqas tal-appellanti li tipprovdi mezzi ta' sorveljanza ghall-impjegati jew nies ohra li jkunu qed jimmaniggjaw il-vetturi specjalment dawk tqal hafna biex incidenti simili ma jigrux. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li s-socjetá appellanti ghandha d-dover li tara li l-persuni li jimmaniggjaw dawn it-tip ta' vetturi jkunu f'posizzjoni li jzommu 'proper look out' – xi haga li kienet impossibbli ghall-konvenut l-iehor f'dan il-kaz.

Fuq sitwazzjonijiet simili l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Untours Insurance v. Etienne Saliba** (29 ta' Jannar 2004) qalet hekk:

> "*Illi biex oggett statiku jitqies li jahti ghal incident fuq it-triq jew li ta s-sehem tieghu ghal incident bhal dak, irid jintwera minn min jallega dak is-sehem jew dik il-htija l incident kien inevitabbli minhabba l-preżenza ta' dak l-oggett wieqaf (kemm jekk dak l-oggett huwa vettura wieqfa u kif ukoll jekk ikun oggett iehor). Huwa f'dan il-każ biss li l-Qorti ghandha tqis l-effett kontributorju tal-oggett f'dak l-incident*".

Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fic-cirkostanzi tal-kaz il-mod kif l-appellat ipparkeggja l-vettura tieghu kkontribwixxa ghall-incident. Il-Qorti ghalhekk ikollha tghid li "*Jinsorgu sitwazzjonijiet fejn, bhal f'dan il-kaz, Qorti tat-tieni istanza ma tkunx qed taghmel gustizzja jekk tillimita ruhha 'sic et sempliciter' ghal principju illi Qorti ta' revizjoni di regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi, u kwindi tal-konkluzjoni bazata fuq dan l-istess apprezzament, li tkun ghamlet l-ewwel Qorti*". (**Middlesea Insurance v. Galea**, 20 ta' Jannar 2003, Appell Inferjuri).

Fuq is-suggett hu pacifikament akkolt illi "*meta jkun hemm htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjoni li fiha d-danneggjat ikun ikkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab; kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz*". (Vol. XLVIII P I p. 59). (**Hayes v. Farrugia**, Prim'Awla, 28 ta' Mejju 2003).

Fic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni, din il-Qorti thoss li ghar-ragunijiet imsemmija, it-tort ghall-incident ghandu jinqasam indaqs bejn il-partijiet f'dan l-appell u ghalhekk l-ammont li ghandha thallas l-appellanti huwa ta' tmint elef mitejn u hamsin euro (€8,250) u cioe` nofs id-danni sofferti mill-appellat. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti ta' din il-Qorti. Ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza fl-ismijiet **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta' Novembru 2003).

**DECIZJONI**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell billi tilqghu limitatament billi tiddikjara lis-socjeta` appellanti responsabbli kwantu ghal nofs u allura tordna li thallas lill-appellat is-somma ta' tmint elef mitejn u hamsin euro (€8,250) – bl-imghaxijet jiddekkorru mid-data tas-sentenza appellata – spejjez kollha tal-kawza komprizi tal-appell jithallsu nofs kull wiehed mill-appellanti u l-appellat.

| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb/df